MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Numru 189/2014

**SPETTUR ROBERT VELLA**

**VS**

**IAN ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ian Zammit ta' 27 sena, bin Paul u Emanuela nee' Zammit, mwieled Pieta' fil-15 ta' April 1987, residenti 89, Triq il-Gdida, Qormi u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 188187M;

Talli fid- 29 ta' Awwissu 2013 ghal habta tal- 11.00am gewwa dawn il-Gzejjer;

1) Bla hsieb li jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-ahha u cioe' feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Neville Abela wera dan il-hsieb billi b' atti esterni ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt billi volontarjament saq vettura tat- tip Renault Laguna bin-numru tar-registrazzjoni BAF 817 fid- direzzjoni tal-imsemmi Neville Abela u liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2) Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Neville Abela u dan skont ma ccertifika Dr M. Attard Biancardi MD Reg no 3124 mill- Isptar Mater Dei;

3) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Renault Laguna bin-numru tar- registrazzjoni BAF 817 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza;

4) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Renault Laguma bin-numru tar-registrazzjoni BAR 817 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Trasport Malta taht dik il-kategoriaj ghall-imsemmija vettura;

5) Talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Renault Laguma bin-numru tar-registrazzjoni BAF 817 minghajr ma kien kopert b' polza tas-sigurta' dwar riskji ghal terzi persuni;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta' provi tad-difiza f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 41(1)(a)(, 214, 215, 216, 221 tal-Kap 9;

L-Artikoli 15(1)(a),  15(1)(b) tal- Kap 65;

Kif ukoll l-Artikolu 3 tal- Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospiz ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-skwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal sena millum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------